# In-Nicca tal-Madonna ta' Lourdes





Skont irħama li hemm taħt din l-istatwa, jidher ċar li d-devozzjoni min-nies ta` dan ir-raħal lejn il-Madonna ta` Lourdes kienet ilha tħeġġeġ fi qlub in-nies. F`din l-iskrizzjoni nsibu li fis-sena 1875 Mons. Conte Carmelo Scicluna, li f`dak iż-żmien kien isqof ta` dawn il-gżejjer, kien ta indulġenzi lil min jgħid Ave Marijiet quddiem din ix-xbieha.

Meta pajjiżna kien iservi ta` stazzjon tal-faham għall-flotot u l-vapuri li kienu jbaħħru fil-Mediterran, id-devozzjoni lejn din in-niċċa kienet kompliet tinxtered.

Ħafna ħaddiema li kienu jgħaddu minn quddiemha, wara li jkunu spiċċaw mix-xogħol, kienu jagħtuha tislima u jitfgħu xi ħaġa għall-mixegħla u l-kura ta` din ix-xbieha għażiża. Din il-qima kompla isaħħaħha Mons. Mikiel Gonzi li fi żmien il-veskova tiegħu, billi reġa` ġedded l-indulġenzi mogħtija b`digriet nhar il-15 ta` Settembru 1951.

L-inħawi fejn hemm in-niċċa tal-Madonna ta` Lourdes kellu importanza kbira f`dawk iż-żminijiet (qabel ma żvilippat il-pjazza prinċipali ta` Raħal Ġdid) f'dan ir-raħal, kemm soċjali, industrijali u reliġjuż. Qrib sewwa ħdej din in-niċċa ta` Lourdes kien hemm l-għassa tal-pulizija f`Corradino. Anki l-posta u l-ġurnali sa l-1883 kienu għadhom jiġbruhom minn hemm. Anki l-ilma, sa l-1908, l-abitanti ta` Triq Lampuka, Triq Sammat u ta` Triq il-Tarzna u oħrajn kienu jinqdew minn funtana tal-ilma li kienet f`dawn l-inħawi, fi Sda. Prigione.

Rigward il-qasam ekonomiku, fil-viċinanzi ta` din in-niċċa, fl-1881, l-aħwa Cauchi kienu imsemmijin għax-xogħol tal-qniepen, kellhom Fonderija tagħhom. Ftit l-isfel mill-għolja Kordin kien hemm Britannia Dock ta` N. Zammit & Sons. Aktar qrib lejna kien hemm it-Tarzna ta` Bezzina ("Tal-Borom") li kienet magħrufa ħafna u l-Funderija San Carlo.

Sors: **www.rahalgdid.com**